**Laqgha Numru 09/K6/2008**

**Introduzzjoni**

Minuti tad-Disa' Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2008 li saret nhar l-Erbgha 30 ta' Lulju 2008.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.45 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Lauro Fava, Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie pubblikat fl-24 ta' Lulju 2008. L-Agenda kienet:

- **01. Approvazzjoni tal-Minuti 08/K6/2008.**
- **02. Punti li johorgu mill-Minuti 08/K6/2008.**
- **03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**
- **04. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**
- **05. Mistoqsijiet.**
- **06. Korrispondenza.**
- **07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**
- **08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**
- **09. Rapport Finanzjarju April – Gunju 2008.**
- **10. Mozzjoni 01/2008 – Irrangar tal-bankina ta' Triq Mikiel Ang Grima.**
- **11. Specifikazzjonijiet ghall-kuntratti li ser johrog il-Kunsill.**
- **12. Approvazzjoni tal-kontijiet.**
- **13. Materji Ohra**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 08/K6/2008.

1.01. B'riferenza ghall-item 10.01 il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li fil-laqghat li saru riferenza ghalihom li saru f'Roccalumera hija qatt ma qalet jew infurmat lill-Kunsill, li l-Kunsill ta' Roccalumera ser jipprovdi trasport lejn il-portijiet ta' Catania u Pozzallo u ghalhekk talbet li din ghandha titnehha.

1.02. Is-Sindku Joe Zammit qal li mill-kummenti li saru jidher li kien hemm misunderstanding fuq dawn il-kummenti.

1.03. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-minuti riferenza 08/K6/2008 kif emendati.

1.04. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.05. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 08/K6/2008.

2.01. B'riferenza ghall-Minuti 08/K6/2008 item 4.01, ghall-Minuti 07/K6/2008 item 2.04 fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli bhala l-Kunsillier responsabbli mill-isports, kien ippropona li l-Kunsill Lokali Pembroke ghandu jitlob kjarifika mill-Kunsill tal-post imsemmi jekk din l-inizjattiva hijiex gejja minnaha taghhom kif ukoll jekk kull min huwa msemmi f'dan id-dokument huwiex bl-approvazzjoni tal-Kunsill tal-post fejn kien qal ukoll li z-zewg rapprezentanti tal-klabbs rispettivi jigifieri Luxol Sports Club u Pembroke Athleta qablu fuq dan ghax jixtiequ li jkunu qed jiehdu sehem bhala parti minn inizjattiva tal-Kunsill ta' Pembroke, halli imbghad wara jkunu jistghu jizviluppaw kuntatti fuq bazi ta' klabbs, fejn qal ukoll li jkun tajjeb li l-ewwel inizjattiva tkun saret bejn il-Kunsill ta' Pembroke u dak Bulgaru, fejn kien fakkar li r-rapprezentanti tal-klabbs kienu staqsew ukoll jekk l-offerta minnaha Bulgara li jospitaw il-grupp ghadiex tghodd u kull min se jiehu sehem fil-mawra jhallas biss il-biljett ta' l-ajru kif ukoll kien ippropona li l-Kunsill Lokali Pembroke jaghmel il-kuntatti mehtiega kif miftiehem f'din il-laqgha, is-Sindku Joe Zammit qal li dawn il-kuntatti ser isiru fil-jiem li gejja.

2.02. B'riferenza ghall-Minuti 08/K6/2008 item 4.02, ghall-Minuti 07/K6/2008 item 2.07u ghall-Minuti 05/K6/2008 item 4.01 fejn is-Sindku Joe Zammit kien ghamel riferenza ghall-Internal Memos ipprezentati fejn qal li fil-jiem li gejja ser jipprezenta rapport tal-Konferenza li attenda ta' l-ECAD fil-jiem li ghaddew kif ukoll fejn kien qal li waqt din il-konferenza rega' tqajjem il-punt li jkun ghaqli li tigi organizzata Konferenza simili bit-titlu European Islands Against Drugs u ghalhekk qal li kien ser jerga' jikteb lill-Onor. Prim Ministru u Ministru ghall-Gvern Lokali Dr. L. Gonzi dwar dan il-punt, kif ukoll fejn kien qal li jkun ghaqli jekk din il-konferenza tigi organizzata s-sena li gejja sabiex tahbat mal-25 sena ta' meta Pembroke sar ufficjalment lokal u kien qal ukoll li kien ser ikellem l-FTZ sabiex jara jekk hemmx xi fondi ta' l-EU ghal dan il-ghan, is-Sindku Joe Zammit qal li l-laqgha ma' l-FTZ ser issir fil-futur qarib.

2.03. B'riferenza ghall-Minuti 08/K6/2008 item 4.03, ghall-Minuti 07/K6/2008 item 2.08, ghall-Minuti 05/K6/2008 item 6.35 u ghall-korrispondenza numru **46/2568/08/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera kif ukoll kien ippropona li l-Kunsill jerga' jikteb lill-Onor. Prim Ministru kif ukoll li kopja taghha tintbaghat lir-residenti kollha ta' Pembroke kif ukoll li l-Kunsill jikkunsidra li jaghmel Press Conference fit-triq imsemmija kemm il-darba l-Kunsill jibqa' jigi njorat, is-Sindku Joe Zammit qal li din l-ittra ser tinkiteb fil-jiem li gejja.

2.04. B'riferenza ghall-Minuti 08/K6/2008 item 8.21 u ghall-korrispondenza numru **46/3702/08/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li l-Kunsill jixtri dawn il-kotba minghand BDL bhala rikonoxximent ghad-donazzjoni ta' kotba li kienu taw lill-Kunsill meta nfethet il-librerija pubblika, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li d-Dipartiment tal-Libreriji kien ghadu ma provdiex lista tal-kotba li l-ahjar li ghandhom jinxtraw.

2.05. B'riferenza ghall-Minuti 08/K6/2008 item 8.42 u ghall-korrispondenza numru **46/3139/08/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li l-Kunsill ghandu jaccetta l-offerta li ghamel is-sur Grima, is-Segretarju Ezekuttiv staqsa lis-Sindku Joe Zammit kif ser tingieb din il-palma minghand is-supplier.

2.06. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill japprova Budget ta' massimu ta' €100 ghax-xiri ta' din il-palma, u l-Kunsill ghandu jitlob lis-suppliers sabiex jipprovdi t-trasport.

2.07. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

2.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.09. B'riferenza ghall-Minuti 08/K6/2008 item 8.90 u ghall-korrispondenza numri **46/3246/08/I u 46/3273/08/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li l-Kunsill japplika ghal dan is-servizz; u jindika l-binja ta' l-iskola primarja ta' bhalissa li fuqha l-Kunsill talab devuluzzjoni u prepara dokument taht inizjattiva PPP kif ukoll li talab li ssir laqgha kemm ma' l-Onor. Dolores Cristina kif ukoll ma' l-Onor. Evarist Bartolo biex il-Kunsill jipprezentalhom dan il-progett, kif ukoll l'issir laqgha pubblika biex ir-residenti ta' Pembroke jaghtu ukoll suggerimenti fuq id-dokument tal-Kunsill halli wara jkun prezentat lis-Sinjuri Onorevoli Membri msemmija, is-Sindku Joe Zammit qal li dawn il-laqghat ser isiru fil-gimghat li gejja.

2.10. B'riferenza ghall-Minuti 08/K6/2008 item 10.01 fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien talab sabiex il-Kunsill jitlob konferma minghand il-Kunsill ta' Roccalumera dwar l-offerta taghhom sabiex jipprovdu trasport ghall-grupp li sejjer Roccalumera, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li Roccalumera nfurmaw lill-Kunsill li huma ser jipprovdu trasport f'Roccalumera biss.

2.11. B'riferenza ghall-Minuti 08/K6/2008 item 11.06 fejn il-Kunsill kien qabel li l-portable AC jinxtara minghand Cassar Airconditioning Systems Ltd. ghall-prezz ta' € 408.00, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-kumpaniji li ssottomettew il-kwotazzjonijiet taghhom spiccalhom dan it-tip t'apparat.

2.12. Fid-dawl ta' dan is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jinstalla Air Conditioner normali li jitwahhal mal-hajt jew mas-saqaf.

2.13. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

2.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

3.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 39/2008** b'rapport tal-Bord ta' l-Ghazla ta' l-intervisti li saru ghall-post ta' skrivana **(Ara dokument A); Internal Memo 47/2008** b'rapport tal-Bord ta' l-Ghazla ghall-kwotazzjonijiet ta' railings, zewg kompjuters u portable A/C **(Ara dokument B); Internal Memo 48/2008** b'rapport tal-laqgha li saret ma' l-Onor. Segretarju Parlamentari Chris Said **(Ara dokument C); Internal Memo 49/2008** b'lista tal-laqghat li saru bejn laqgha riferenza 08/K6/2008 u 08/K6/2008 **(Ara dokument D); Internal Memo 50/2008** b'rapport ta' l-azzjonijiet mehuda bejn laqgha riferenza 08/K6/2008 u 08/K6/2008 **(Ara dokument E);** Flyer li ser jitqassam fid-djar ta' Pembroke dwar l-attivita' li ser issir tal-BBQ **(Ara dokument F)** u Flyer li ser jintbaghat lill-anzjani b'riferenza ta' l-attivita' li ser issir ghalihom. **(Ara dokument G)**

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

4.01. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li kellu laqgha ma' l-Ispettur Trevor Micallef mill-Ghassa tal-Pulizija San Giljan fejn iddiskuta mieghu l-problema tad-drogi fil-lokal kif ukoll il-problema ta' l-ipparkjar tal-coaches fit-triq il-gdida fejn minnaha tieghu issuggerixxa li dawn ghandhom jipparkjaw il-vetturi taghhom fl-ex Parade Ground. Il-kelliem qal li r-rapprezentanta tas-Sezzjoni ta' Kontra l-Vizzji ma setghetx tkun prezenti izda ser jikkomunika maghha l-Ispettur Micallef.

4.02. Is-Sindku Joe Zammit qal li huwa flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kienu attendew ghall-laqgha ta' konsultazzjoni dwar il-Gemellaggi fejn gie diskuss il-finanzjament tal-gemellaggi. Il-kelliem qal li l-policy gdida mahruga mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali tista' taghti l-kaz li hija t'infringment fuq l-awtonomija ta' l-operat tal-Kunsilli u ghalhekk ma jzomm xejn milli Kunsilli jiktbu lid-Dipartiment dwar dan. Il-kelliem qal li fil-fatt rigward il-kuntatti li diga ghamel il-Kunsill qabel ma harget il-legal notice il-Kunsill ghandu jinforma lid-Dipartiment dwarhom ghall-appovazzjoni t'aktar fondi.

4.03. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li kellha laqgha mas-sur Alan Gauci ta' Play Volley fejn dan wera x-xewqa li l-klabb tieghu jistabbilixxi ruhhu fil-lokal ta' Pembroke. Il-kelliema qalet li s-sur Gauci tkellem ukoll mal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli fejn wahda mill-proposti tal-Kunsill qalet li kienet li kemm il-darba dan isehh, is-sur Gauci ghandu jara li l-isem tal-klabb tieghu ikun f'isem Pembroke. Fid-dawl ta' dan kollu l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jghin fejn jista' billi jaghti s-sapport tieghu lil dan il-klabb sabiex isib post fil-lokal minn fejn ikun jista' jopera.

4.04. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

4.05. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.06. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill rapport dwar il-performance ta' Ms. Kirsty Rizzo wara l-ewwel xahar ta' hidma taghha. **(Ara dokument H)**

4.07. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ghamlet diversi kummenti fosthom li ghalkemm Ms. Rizzo ghad ma nghatatx uniformi din ghandha tigi mitluba tilbes flokk / qmis u qalziet pulit kif xieraq. Fid-dawl ta' dan ukoll il-kelliema pproponiet li ladarba Natalie Busuttil spiccat mill-impjieg din ghandha gentilment tintalab li tirritorna l-uniformi li kien ipprovda l-Kunsill.

4.08. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

4.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.10. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprovda lill-Kunsill katalgi ta' zewg kumpaniji li jipprovdu uniformijiet sabiex il-membri tal-Kunsill jaghzlu uniformi ghall-impjegati kollha tal-Kunsill.

4.11. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li huwa u l-Kunsillier Joe Brincat kellhom laqgha ma' diversi residenti minn St. Patricks dwar il-problema tal-meters tad-dawl u ta' l-ilma li hemm fil-parapetti fejn ippropona li l-Kunsill ghandu jitlob laqgha ma' l-Ingin. tal-WSC u ta' l-Enemalta rispettivament dwar din is-sitwazzjoni. **(Ara dokumnet I)**

4.12. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

4.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 06. Korrispondenza.

6.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm il-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn is-17 u t-30 ta' Lulju 2008 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

46/3300/08/I
15/07/2008
E-mail minghand is-Sur Ray Mizzi fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill rigward il-bini ta' hajt informa l-Kunsill li qieghed fil-process li jigbor kwotazzjonijiet biex isib kuntrattur.

6.02. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3300/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ihoss li ghadda bizzejjed zmien sabiex is-sur Ray Mizzi u r-residenti koncernati jigbru l-kwotazzjonijiet li kellhom jigbru u ghalhekk ghandha terga' tinkitbilhom ittra sabiex dawn jinfurmaw lill-Kunsill meta ser jaghmlu x-xoghol.

6.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda u zied li wara kollox ir-regolamenti tal-MEPA ilhom li hargu xhur ilu.

6.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/3349/08/I
17/07/2008
E-mail minghand is-Sur Pawlu Scicluna fejn baghat ritratti tar-rampi wahda tad-drive in u wahda tal-garaxx li ghandhom bzonn jitrangaw.

6.05. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3349/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jaghmel dan ix-xoghol bhal ma diga ghamel f'postijiet ohra madwar Pembroke izda qabel ghandu jitqabbad lill-Perit tal-Kunsill sabiex jaghmel spezzjoni tal-fond kif ukoll tal-fond ta' Tunis House li hemm fi Triq Tunis sabiex wara l-evalwazzjoni tal-Perit, il-Kunsill ikun jista' kaghmel budget tax-xoghol li hemm bzonn isir.

6.06. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/3357/08/I
17/07/2008
E-mail minghand il-Melita Youth Nursery is-Sur Robert Balani fejn kif mitlub mis-Sindku baghat l-indirizz ufficjali.

6.08. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3357/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/3359/08/I
17/07/2008
E-mail minghand il-Melita Youth Nursery is-Sur Robert Balani fejn informa l-Kunsill li rcieva l-ittra rigward l-istedina ghal mawra fil-Bulgarija u nforma l-Kunsill li din hi ta' interess ghalihom.

6.09. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3359/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jaccetta li l-Melta FC Youth Nursery jkunu ikkunsidrati ukoll fil-proposta li hemm pendenti mal-Bulgarija.

6.10. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.11. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/3363/08/I
18/07/2008
Agreement minghand Anning City fic-Cina ghal friendship bejn il-Kunsill Lokali Pembroke u Anning u qed jistaqsu jekk il-Kunsill ghandux xi

suggerimenti jew emendi fuqu.

6.12. B'riferenza għall-korrispondenza numru **46/3363/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-membri tal-Kunsill għandhom jingħataw cans gimgħa sabiex jiflu d-dokument propost minn Anning kif ukoll ippropona li l-Kunsill għandu jiltaqa' nhar l-Erbgħa 6 ta' Awissu sabiex jiddiskuti din il-proposta sabiex wara kemm il-darba l-Kunsill jaqbel jintalab il-permess ta' l-AKL u d-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex ikun jista' jsir dan il-ftehim.

6.13. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/3364/08/I 18/07/2008 Ittra mingħand il-MEPA b'lista t'applikazzjonijiet godda għal permess ta' zvilupp PA02766/08 – proposed EU landscaping project phase 2 at Pembroke (Phase 1 covered by PA1606/07). – Mr. Mario J. Attard Landscaped area at Pembroke Triq Pietru Darmenia.

46/3365/08/I 1/07/2008 E-mail mingħand il-Hotel La Piramide fejn informat lill-Kunsill li għandhom 21 kamra li jistgħu jakkomodaw 14 il-kamra b'erba' persuni, kamra bi tlett persuni u sitt kmamar b'zewg persuni total ta' 71 persuna u talbet risposta.

6.15. B'riferenza għall-korrispondenza numri **46/3364/08/I u 46/3365/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dawn il-korrispondenza kienu għall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/3375/08/I 18/07/2008 E-mail mingħand il-Kumpanija Inserv fejn b'riferenza għall-laqgħa li saret miegħu bagħat leaflet bid-dawl ta' toroq solar li joffri.

6.16. B'riferenza għall-korrispondenza numru **46/3375/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill għandu jitlob lill-kumpanija Inserv sabiex jekk huwa possibbli tipprovdi aktar informazzjoni dwar metodi alternattivi għal dawl fit-toroq u possibilment tinstalla bi prova xi haġa f'Pembroke.

6.17. Il-Viċi Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.18. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/3376/08/O 21/07/2008 Ittra li bagħat il-Kunsill lill-Comune di Roccalumera fejn tlabna jibgħatu l-programm għaz-zjara li ser issir bejn il-5 u 8 ta' Settembru 2008 kif ukoll tlabna konferma jekk hux ser jipprovdu trasport minn u lejn Catania u għall-excursions madwar Roccalumera.

6.19. B'riferenza għall-korrispondenza numru **46/3376/08/O** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet għall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/3387/08/I 21/07/2008 E-mail mingħand il-Kumpanija Feltom fejn bagħtu l-minuti tal-laqgħa li saret bejn il-Bord tal-Feltom's u l-Kunsill Lokali Pembroke nhar is-7 ta' Lulju 2008 u bagħtu d-dettalji ta' tlett skejjel fil-lokal li qegħdin membri fil-Feltom.

6.20. B'riferenza għall-korrispondenza numru **46/3387/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li punti tar-rapport ta' din il-laqgħa għandhom jintbagħtu lir-residenti kollha tal-lokal.

6.21. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.22. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/3404/08/I 21/07/2008 — E-mail minghand il-Comune di Roccalumera fejn baghtu l-programm ghall-mawra f'Roccalumera mit-tim tal-futbol.

46/3424/08/I 22/07/2008 — Ittra mill-Malta Judo Academy fejn baghtu informazzjoni fuq l-akkademja.

46/3438/08/I 23/07/2008 — Mozzjoni minghand il-Kunsillier Lauro Fava issekondat mill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat sabiex tigi rrangata l-bankina ta' Triq Mikiel Ang Grima mill-aktar fiss possibbli.

6.23. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/3404/08/I, 46/3424/08/I u 46/3438/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dawn il-korrispondenza kienu ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/3442/08/I 3/07/2008 — Ittra minghand Marisa Sammut tilmenta li ghadha minghajr twegiba konkreta ghat-talba taghha li ssir road hump quddiem plot 169 fi Triq Burma kif ukoll tilmenta dwar van li hemm ipparkjat fil-pjazza ta' faccata.

6.24. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3442/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li s-sinjura Marisa Sammut ghandha tigi nfurmata li l-Kunsill hass u l-ADT approvat li r-road hump kellha ssir fejn fil-fatt saret kif ukoll li fit-talba originali taghha qatt ma kien hemm indikazzjoni fejn xtaqet li ssir ir-road hump. Rigward il-van li hemm ipparkjat il-kelliem qal li ladarba dan ghandu licenzja valida m'hemm xejn irregolari.

6.25. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.26. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/3448/08/I 23/07/2008 — E-mail minghand l-IPSL is-Sur Joe Grillo fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill dwar xoghol mill-haddiem ta' l-IPSL informa l-Kunsill li jinsab sorpriz kif ma fhimtx id-decizjoni li l-kumpanija flimkien ma' l-AKL u d-Dipartiment ghall-Gvern Lokali hadu u nforma l-Kunsill li mhud accettabbli li l-haddiem ta' l-IPSL imur jahdem fil-komun u l-btiehi ta' Juno Flats.

46/3452/08/I 23/07/2008 — E-mail minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali id-Direttur Natalino Attard fejn b'riferenza ghad-diversi talbiet minn Kunsilli dwar x'tip ta' xoghol jistghu jaghmlu l-haddiema ta' l-IPSL assenjati mal-Kunsill informa l-Kunsill li flimkien m'ufficjali ta' l-IPSL fformulaw direttivi dwar x'tip ta' xoghol jistghu jaghmlu u f'dawn id-direttivi hemm stabbilit li l-ebda haddiem ma seta' jaghmel xoghol fi propjeta' privata.

46/3464/08/I 24/07/2008 — E-mail li s-Sindku Joe Zammit baghat lis-Sur Joe Grillo ta' l-IPSL rigward xoghol mill-haddiema ta' l-IPSL.

6.27. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/3448/08/I, 46/3452/08/I u 46/3464/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li fid-dawl tal-laqgha li saret ma' l-Onor. Segretarju Parlamentari Chris Said li l-haddiema ta' l-IPSL ma jistghux jintuzaw sabiex jaghmlu xoghol fi blokki tal-Gvern minhabba li x-xoghol suppost li jsir mid-Dipartimenti koncernati, il-Kunsill ghandu jinforma b'dan lir-residenti kollha koncernati.

6.28. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.29. Il-Mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit u l-Kunsilliera Lauro Fava, Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Alfred Mazzitelli vvota kontra.

6.30. Il-Mozzjoni ghaddiet.

6.31. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li huwa ma kienx qabel mal-proposta minhabba l-fatt li l-haddiema ta' l-IPSL huma haddiema mhallsa minn flus il-poplu u kien il-Prim Ministru Dr. L. Gonzi stess li nsista li l-Kunsill jaghmel l-ahjar uzu minn dawn il-haddiema. Il-kelliem qal li l-haddiem ta' l-IPSL assenjt mal-Kunsill qed ikun skartat xi hinijiet minn fuq il-lant tax-xoghol u ghalhekk mhux qed jaghti l-ahhjar kif huwa obligu tieghu u kif huwa mitlub minnu.

6.32. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li hija minn dejjem kienet kontra li l-haddiema ta' l-IPSL jitilqu kmieni minn fuq il-post tax-xoghol kif ukoll kienet kontra l-kuncett li jaghmlu siegha xoghol tajba u jitilqu. Il-kelliema fakkret ukoll li dawn il-haddiema jahdmu fuq barra u ghalhekk fl-elementi tas-shana wkoll.

6.33. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li s-sur Alex Orsini jahdem il-hinijiet normali tax-xoghol apparti li fix-Xitwa jahdem bir-reduced hours u ghalhekk jitlaq kmieni.

46/3453/08/O 24/07/2008 Agenda tal-laqgha li ser tigi diskussa ma' l-Onor. Chris Said nhar il-Gimgha 25 ta' Lulju 2008 fil-11.30 rigward il-process ta' Konsultazzjoni ghar-Riforma tal-Kunsilli Lokali.

46/3454/08/I 24/07/2008 Kopja ta' l-ittra lis-Sinjura Roberta Cesareo li toqghod 37, Triq il-Beatu Dun Gorg Preca li baghtet lill-Awtorita' tad-Djar rigward diversi problemi.

6.34. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/3453/08/I u 46/3454/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/3461/08/I 24/07/2008 E-mail minghand OPAL is-Sur Tony Bonello fejn informa l-Kunsill li b'riferenza ghall-Adventure Park f'Pembroke qed jistenna kopja tas-survey biex ikunu jistghu jibghatuh lill-kumpanija ghas-suggerimenti taghhom u dwar it-tender 01/2007 talab data meta l-ordni tista' tigi esegwita.

6.35. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3461/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jinforma lill-OPAL li minhabba nuqqas ta' fondi l-Kunsill mhux interessat aktar fl-offerta tieghu. Il-kelliem ippropona ukoll li l-works order li kienet intbaghat lill-Perit tal-Kunsill sabiex jaghmel survey tal-picnic area ghandha titwaqqaf minhabba li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kien xtara survey mill-MEPA li ghalkemm huwa anqas dettaljat sewa biss €9.78 lill-Kunsill. Fid-dawl ta' dan ukoll is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Perit tal-Kunsill ghandu jintalab jikkomunika mal-MEPA vis-à-vis l-uzu tal-UIF u dan fid-dawl ta' l-ispiza li l-Kunsill ser jaghmel sabiex isir ir-railing qabel mal-Kunsill jiddeciedi jekk isirx dan ix-xoghol mil-fondi tieghu minhabba talbiet mill-kumpanija ta' l-assikurazzjoni.

6.36. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.37. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/3473/08/I 24/07/2008 Proposta minghand Liquid Studios sabiex tigi upgraded il-Home Page tal-Kunsill skond il-linji ta' gwida godda kif mahruga mill-MITTS.

6.38. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3473/08/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li din ghandha tigi diskussa darb'ohra.

6.39. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.40. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/3475/08/I 25/07/2008 Informazzjoni bil-prezzijiet ghall-BBQ.

6.41. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3475/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/3476/058/I 25/07/2008 Ittra minghand l-IPSL fejn qed jitolbu lill-Kunsill jinfurmhom bix-xoghol li qed jaghmel il-haddiem assenjat mal-Kunsill kif ukoll kummenti dwar l-imgieba tieghu.

6.42. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3476/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-IPSL ghandhom jigu nfurmati li x-xoghol li qed isir mill-haddiem taghhom assenjat mal-Kunsill qed isir bi sforz u mhux b'rispett lejn minn min ikun gie ordnat. Il-kelliem zied li l-haddiem jigbed wisq lejh u biex jaghmel ix-xoghol irid jigi mbuttat.

6.43. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.44. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/3479/08/I 25/07/2008 E-mail minghand il-kumpanija TCTC is-Sur Ray Abela fejn baghat informazzjoni rigward il-kors ta' l-ECDL Start.

6.45. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3479/08/I** il-Kunsillier Lauro Fava ppropona li l-Kunsill jorganizza dan il-kors.

6.46. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.47. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/3487/08/I 25/07/2008 E-mail minghand Dr. Stefan Buontempo fejn informa l-Kunsill li l-mexxej Laburista Dr. Joseph Muscat hatru bhala kelliem ewlieni ghall-Gvern Lokali u fil-futur jixtieq jiltaqa' mal-Kunsill biex jisma' l-idejat tal-Kunsill.

6.48. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3487/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera u propona li isir din il-laqgha.

46/3490/08/I 25/07/2008 Ittra minghand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed jinfurmaw lill-Kunsill li regolament 14 tar-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Rizorsi Umani) jispecifikaw li l-impjegati ghandhom jahdmu medja ta' 40 siegha fil-gimgha mifruxa fuq hames t'ijiem mit-Tnejn sal-Gimgha kif ukoll li s-saghtejn ta' xoghol li jahdmu anqas fix-xhur tas-Sajf ikunu jridu jpattu ghalihom matul ix-xhur l-ohra tas-sena.

6.49. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3490/08/I** is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta rapport tas-sieghat li ser tkun qed tahdem Ms. Kirsty Rizzo sa l-ahhar tas-sena fejn jirrizula li ser tkun hadmet 66 ½ sieghat anqas. **(Ara dokument J)**

6.50. Fid-dawl ta' dan wara diskussjoni li saret il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jiehu parir minghand id-Dipartiment ghas-sigurta' socjali jekk il-Kunsill jistax inaqqas l-ekwivalenti ta' dawn is-sieghat f'paga jew mill-leave annwali u eventwalment tigi nfurmata Ms. Rizzo.

6.51. Is-Sindku Joe Zammit issekonda u zied li jekk jista' jkun l-ghazla ghandha tkun ta' Ms. Rizzo li taghzel.

6.52. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/3492/08/I 25/07/2008 Ittra minghand STC Training fejn informa l-Kunsill li tkellem mal-perit biex jinfetah bieb mill-bitha ta' wara biex fil-futur qarib il-loading isir kollu minnaha ta' wara tac-centru u mhux minn Triq Alamein u dwar il-kantin ic-Centru m'ghandux permess biex jopera bhala take away.

6.53. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3492/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jinforma lill-STC sabiex ma jhallux access ghall-kantin ta' l-iskola ghall-persuni li mhux studenti ta' l-iskola.

6.54. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.55. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/3551/08/I 30/07/2008 E-mail minghand FTZ fejn baghat applikazzjoni fuq Community Technology Learning Centre (CTLC).

6.56. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3551/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li minhabba l-limitazzjoni tal-hin kif ukoll vis-à-vis tad-dettalji kollha mitluba, mhux possibli ghall-Kunsill li din l-applikazzjoni tigi kkompilata minn gurnata ghal ghada u ghalhekk mhux materjalment possibbli ghall-Kunsill li jippartecipa.

6.57. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.58. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.59. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lis-Sindku Joe Zammit li l-istess informazzjoni hija mitluba ghall-kaz biex il-Kunsill ikollu centru ta' l-ICT fil-bini ta' l-iskola primarja ladarba dan il-bini jkun vakanti.

6.60. Is-Sindku Joe Zammit qal li kien ra d-dokument u hemm wisq detail li l-Kunsill m'ghandux twegiba ghalihom u ghalhekk din il-proposta ghandha tieqaf.

46/3547/08/I 30/07/2008 Ittra minghand is-Sinjura Claire Tanti li toqghod 24, Ville Chopard, Triq Luigi Billion fejn baghtet kopja tar-rapport li ghamel il-perit dwar ilma li qed jidhol fid-dar taghha.

6.61. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3547/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li tinghata il-permess biex taghmel xoghol ta spezzjoni tal-bankina li qed tghid ghandha ilma diehel minnha, liema xoghol ghandu jsir minnha ghas-spejjez taghha taht is-supervizjoni tal-Perit tal-Kunsill. Il-kelliem ippropona wkoll li fl-istess waqt il-Kunsill jitlob il-parir ta' l-Avukat tal-Kunsill sabiex jirrispondi l-ittra taghha u jara li jkunu mharsa d-drittijiet tal-Kunsill u ma tkunx qed tfittex lill-Kunsill ghal xi danni li tippretendi hija. Il-kelliem qal li r-risposta ta' l-avukat ghandha tasal kmieni halli ma jkunx il-Kunsill li jdum u jehel il-Kunsill ghax tibda x-xita kmieni u nkunu domna ma rrispondejna lil din is-sinjura.

6.62. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.63. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.

7.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

8.01. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li bhalissa qed isiru l-preparamenti konnessi mal-mawra li ser issir f'Roccalumera fejn qal li sa l-ghada dawk il-persuni li nfurmaw lill-Kunsill li kienu ser jippartecipaw kellhom ihallsu l-ammont dovut inkluz il-€25 biex jaghmel tajjeb ghat-trassport.

## 09. Rapport Finanzjarju April - Gunju 2008.

9.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta r-Rapport Finanzjarju April – Gunju 2008. **(Ara dokument K)**

9.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li d-dokument jigi approvat kif ipprezentat.

9.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

9.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10. Mozzjoni 01/2008 - Irrangar tal-bankina ta' Triq Mikiel Ang Grima.

10.01. Il-Kunsillier Lauro Fava ippropona li tigi diskussa mozzjoni 01/2008. **(Ara dokumnet L)**

10.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

10.03. Il-Kunsillier Lauro Fava qal li l-ispirtu tal-mozzjoni huwa sabiex jibda l-process li jigu rrangati bankini li ma kienux saru meta kien sar it-tarmak.

10.04. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet il-bankina ta' Triq Mikiel Ang Gima tinsab fi stat hazin fejn hemm partijiet li huma perikoluzi. Il-kelliema qalet li ma tixtieqx li alla hares qatt xi darba jigri xi haga u jwegga xi hadd.

10.05. Is-Sindku Joe Zammit qal li din il-mozzjoni kienet diga tresqet xhur ilu fil-legislatura li ghaddiet mill-ex Kunsillier Ray Pace fejn ukoll kienet giet approvata unanimament. Il-kelliem ressaq emenda ghall-mozzjoni fejn zied li l-Kunsill ghandu jibda process shih ta' tibdil ta' bankini u dan skond kif jippermettu l-fondi tal-Kunsill minn zmien ghal zmien. Il-kelliem qal li l-Kunsill ghandu prijoritajiet ohra ukoll fosthom is-safety tal-gonna fejn il-Kunsill diga kien approva li jsir railing, liema railing jekk ma' jsirx mill-fondi tal-MEPA ta' l-UIF ser ikollhom jinhargu mill-fondi tal-Kunsill. Il-kelliem qal li kien zar din il-bankina fejn qal li hemm hafna residenti li kienu rrangaw sewwa il-parti ta' quddiemhom. Il-kelliem qal li jkun tajjeb jekk il-Perit tal-Kunsill jaghmel rapport ta' liema partijiet mil-bankina jinhtiegu intervent u liema partijiet huma tajbin.

10.06. Wara aktar kummenti l-Kunsillier Lauro Fava ressaq il-mozzjoni ghall-vot bl-emenda tas-Sindku Joe Zammit.

10.07. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

10.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11. Specifikazzjonijiet ghall-kuntratti li ser johrog il-Kunsill.

11.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsilliera li milli kien jidher hadd ma kien ressaq emendi ghat-tenders li ghandhom jinhargu u ghalhekk ippropona li kull min kellu xi emendi ghandhom iressquhom sa qabel is-26 ta' Awissu sabiex eventwalment jigu

diskussa fil-laqgha tal-Kunsill li ser issir nhar l-Erbgha 3 ta' Settembru. **(Ara document M)**

11.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

11.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12. Approvazzjoni tal-kontijiet.

12.01. Is-Sindku Joe Zammit ressaq skeda ta' pagamenti ghad-diskussjoni. **(Ara Dokument N u O)**

12.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha ghajr tal-WSC u ta' TCTC kif diskuss fil-laqghat precedenti.

12.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

12.04. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Lauro Fava vvota favur u astjena biss ghall-kontijiet ta' Pembroke Athleta Sezzjoni Football vis-à-vis l-iskola tal-football tal-Kunsill.

12.05. Il-kontijiet gew approvati kollha.

## 13. Materji ohra.

13.01. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-laqgha li saret mar-rapprezentant ta' Melita FC dwar it-tabelli li ghandhom fil-lokal fejn ippropona li l-Kunsill ghandu jaghmel laqgha ma' dawk kollha li ghandhom xi tabelli fil-lokal sabiex dawn jitnehhew u jkunu standard fejn il-Kunsill ghad irid jiddeciedi jekk isirux mill-Kunsill ghas-spejjez taghhom.

13.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

13.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.04. Is-Sindku Joe zammit ippropona li tigi ordnata rhama kommemorattiva sabiex tfakkar il-Gemellagg li kien gie ffirmat bejn Pembroke u Roccalumera fit-3 ta' Lulju 2006.

13.05. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

13.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.07. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li fil-jiem li ghaddew saret rampa tal-konkos f'St. Patricks sabiex ikunu moqdija l-bzonnijiet ta' persuna li hemm bi bzonnijiet specjali. Il-kelliem qal ukoll li ser isir kontinwazzjoni tal-culevrt li kien sar xhur ilu.

13.08. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-process li kien inbeda snin ilu sabiex issir kalata tal-bocci fuq il-gibjuni li hemm fi Triq il-Mediterran fejn ippropona li ghandu jitqabbad il-Perit tal-Kunsill sabiex tigi ppreparata pjanta sabiex tkun sotto messa lill-MEPA.

13.09. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

13.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

***13.11. Fid-9.30 pm is-Sindku Joe Zammit talab li jigi skuzat u halla l-kamra.***

13.12. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppresieda l-kumplament tal-laqgha.

13.13. Il-Kunsillier Joe Brincat talab li l-Kunsill jikseb kwotazzjoni sabiex jitnaddaf il-gibjun li kien sfronda f'St. Patricks kif ukoll li jigi rrangat peress li mhux qed izomm ilma.

13.14. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issuggeriet li l-Kunsill jitlob l-ghajnuna tal-Good Cause Fund fuq dan is-suggett.

13.15. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li kien ser jiltaqa' mal-kuntrattur tal-Kunsill fuq dan.

13.16. Il-Kunsillier Joe Brincat talab li jsir patching fi Trejqet Patri Pelagju Mifsud, qtugh ta' haxix wara d-dar ta' Lino Zammit li joqghod Blokk 5, Hse 2, Trejqet Don Giovanni Miriti kif ukoll zbir tas-sigar taz-zebbug li hemm fi Triq Bice Mizzi Vassallo u Triq Sir Luigi Preziosi.

13.17. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg sabiex jikteb lil dawk il-familji li fil-passat kienu talbu li jiehdu hsieb xi bicca hamrija u li llum dawn zdingawha fosthom fi Trejqet Patri Pelagju Mifsud St. Patricks u biswit House 1, Blokk 5 Triq Falaise, sabiex jekk fi zmien gimgha l-art ma tigix mahduma din kienet ser terga' tinhadem mill-Kunsill jew minn residenti ohra li wrew ix-xewqa li jaghmlu dan huma.

13.18. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li minbarra dawn iz-zewg partijiet jista' jaghti l-kaz li hemm partijiet ohra.

13.19. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li Triq Gioacchino Le Brun issir One Way fid-direzzjoni ta' Triq Tobruk minhabba li kif tinsab hija perikoluza ghat-traffiku.

13.20. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

13.21. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.22. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill johrog Expression of Interest ghal postijiet ta' akkomodazzjoni li lesti li joffru prezzijiet vantagguzi t'akkomodazzjoni sabiex jintuzaw minn entitajiet u persuni li jigu Malta b'konnessjoni mal-Gemellaggi u relazzjonijiet ohra li ghandu l-Kunsill.

13.23. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

13.24. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.25. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li tintbaghat reminder dwar it-talba li kienet ghamlet sabiex jitnehhew wires tad-dawl li hemm imdendla fi Triq Dun Amabile Sisner.

13.26. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li jigi mnaddaf sit li hemm fi Triq Manuel Buhagiar u jithawwlu xi xitel.

13.27. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda u zied li hemm bzonn li jitferrex trakk hamrija fuq is-sit ukoll.

13.28. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.29. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill sabiex min ipoggi l-hamrija joqghod attent minhabba l-piz li din taghmel fuq il-hajt li hemm ghax wara l-hajt m'hemmx ilqugh u ma jmurx icedi.

13.30. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li b'effett immedjat minhabba mpenji ta' xoghol li ser ikollu kontra qalbu kien qed jipproponi li jirrinunzja mir-responsabilita' ta' l-ambjent u jghaddiha lill-Kunsillier Joe Brincat.

13.31. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

13.32. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.33. Il-Kunsillier Joe Brincat accetta din ir-responsabilita' li jkun responsabbli mil-ambjent.

13.34. Il-laqgha ntemmet fl-10.15pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 6 ta' Awissu 2008 fil-5.45 pm sabiex jigi diskuss il-ftehiem propost ma' Anning fic-Cina u l-laqgha ta' wara ssir nhar l-Erbgha 3 ta' Settembru.

| | |
|---|---|
| Joe Zammit | Kevin Borg |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |